2) *L-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 864/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, kif traspost fid-dritt nazzjonali, ma jikkostitwixxix dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tirregola l-kunflitti tal-liġijiet fil-qasam ta' obbligi mhux kuntrattwali, fis-sens ta' dan l-Artikolu 27.*

(1) ĠU C 161, 7.5.2018.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-17 ta' Jannar 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Giudice di pace di Roma – l-Italja) – Pina Cipollone vs Ministero della Giustizia**

**(Kawża C-600/17)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Politika soċjali — Xogħol għal żmien determinat — Qorti Konċiljatorja — Inammissibbiltà manifesta)***

(2019/C 112/09)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Giudice di pace di Roma

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Pina Cipollone

*Konvenut:* Ministero della Giustizia

*fil-preżenza ta':* Unione Nazionale Giudici di Pace (Unagipa)

**Dispożittiv**

*It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Giudice di pace di Roma (il-Qorti Konċiljatorja ta' Ruma, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Awwissu 2017, hija manifestament inammissibbli.*

(1) ĠU C 437, 18.12.2017.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-17 ta' Jannar 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Giudice di Pace di Roma – l-Italja) – Alberto Rossi vs Ministero della Giustizia**

**(Kawża C-626/17)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Politika soċjali — Xogħol għal żmien determinat — Imħallfin li jippresjedu l-qorti konċiljatorja — Inammissibbiltà manifesta)***

(2019/C 112/10)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Giudice di Pace di Roma